

# L-ewwel knisja jew kappella ta' Sant'Andrija Appostlu f'Ħal Luqa

**Anton Morana**

Ħafna jistaqsu għaliex Sant'Andrija huwa l-qaddis patrun ta' Ħal Luqa? Mhux faċli tasal biex tirrispondi għal din il-mistoqsija, u mhux l-intenzjoni tiegħi li nirrispondi b'dan l-artiklu qasir. Biss jekk wieħed jifli sew l-istudji li għamlu studjużi Maltin tal-Medjuevu Malti, bħal G. Wettinger, M. Buhagiar, A.T. Luttrell, S. Fiorini u issa Ch. Dalli, wieħed jista' jieħu stampa aktar ċara ta' dak li ġara lill-Knisja Nisranija f'Malta minn żmien il-Biżantini sal-wasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1530.

Ħal Luqa hu wieħed mill-irħula qodma ta' Malta. L-ewwel kitba li teżisti fejn tissemma Ħal Luqa u Ħal Farruġ hi l-lista tad-Dejma tal-1419/20. Fir-reġistri tan-Nutara tas-Seklu 15 li għadhom jeżistu, Ħal Luqa tissemma ħafna drabi wkoll. Arkivji oħra qodma, fejn tissemma Ħal Luqa qabel il-miġja tal-Kavallieri, huma dawk tal-Kunsill Popolari jew Università, li kien il-Gvern ta' Malta fis-seklu 15, fl-Arkivju tal-Kurja u f'tal-Mużew tal-Katidral tal-Imdina.

Meta Dun Ġużepp Micallef kiteb il-ktieb tiegħu *Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha* fl-1975, żgur li kien ikkonsulta xi wħud minn dawn id-dokumenti jew tkellem mal-istudjużi li semmejt qabel. Iżda wieħed irid jifhem, li minn meta kien pubblikat dan il-ktieb, saret ħafna iżjed riċerka u għalhekk ċerti aspetti tal-istorja ta' Ħal Luqa, speċjalment post Ħal Luqa fil-medjuevu Malti, kienu mdawla aħjar.

Dwar il-bini tal-ewwel kappella jew knisja ta' Sant'Andrija f'Ħal Luqa, Dun Ġużepp Micallef jgħid li din inbniet bejn l-1532 u l-1542. Irridu ngħidu li qabel Ħal Luqa saret parroċċa fl-1634, hija kienet tagħmel mal-parroċċa ta' Bir Miftuħ. Il-Knisja ta' Malta reġgħet twaqqfet ħafna żmien wara l-miġja tal-Konti Ruġġieru, in-Normanni, fl-1091 u qabel l-1200 Malta ma kenitx kompletament Nisranija. Matul is-seklu 13, il-Katidral tal-Imdina kellu diġà d-dinjitarji tiegħu u qabel l-1436 Malta u Għawdex kien diġà kellhom 10 parroċċi. Ma' dawn il-parroċċi, kien hemm irħula żgħar. Bir Miftuħ, waħda mill-parroċċi qodma, li twaqqfu qabel l-1436, kienu jagħmlu miegħu Ħal Luqa, Ħal Tarxien, il-Gudja, Ħal Safi, Ħal Kirkop, l-Imqabba u Ħal Farruġ.




F'dawn l-irħula żgħar inbnew ħafna kappelli u sakemm ġiet il-Vista Appostolika ta' Dusina fl-1575, kien hawn mal-1430 minnhom. F'Ħal Luqa ġara l-istess. Ir-raħal tagħna kellu ħafna kappelli żgħar mibnijin minħabba d-devozzjoni ta' xi ħadd lejn xi qaddis jew jista' jkun ukoll biex meta jmut jindifen fihom. Biċċa minn dawn il-kappelli kienu jmissu ma' xulxin. Dawn mhux dejjem kienu jibqgħu ta' min bniehom, anzi, ġieli għaddew għand il-komunità tal-post. Dan kollu ġara ħafna żmien qabel il-miġja tal-Kavallieri fl-1530. Kien hemm żmien twil f'Malta, li minħabba raġunijiet ta' sigurtà, soċjo-politiċi, taħt ħakmiet differenti fil-Medjuevu, ma sar bini xejn jew jekk sar kien wieħed primittiv. Is-seklu 15 għal xi raġuni biddel dan kollu u l-Maltin tawha għall-bini tal-kappelli.

Kien hemm kappelli f'nofs is-seklu 15 li twaqqgħu u reġgħu nbnew. Oħrajn ġew irranġati. F'oħrajn, meta kien żmien ta' ġid, xi ħadd għamel opri tal-arti, bħal ngħidu aħna affrerski. Il-Kappella ta' Ħal Millieri hi eżempju ta' dan.

Jekk wieħed imur lura qabel l-1530 il-bini tal-kappelli fil-kampanja Maltija kien ħa sew. In-nies kellhom devozzjonijiet varji, biex b'xi mod ċerti qaddisin kienu popolari iżjed minn oħrajn. Hekk ngħidu aħna, San Nikola, Santa Katarina, Sant'Andrija, San Ġorġ, San Blasju, San Leonardu u fuq kollox il-Madonna kellhom ħafna kappelli ddedikati lilhom.

Wieħed m'għandux jinsa l-arkitettura primittiva ta' dawn il-kappelli u l-post fejn inbnew. Fl-1976, G. Wettinger kiteb hekk fil-ktieb ta' A. Luttrel, *Ħal Millieri, A Maltese Casale, its churches and paintings*; "Id-djar kollha kellhom sular wieħed, iżda ma kienux irħas minn dawk id-djar f'Ħal Luqa, Ħal Tarxien, il-Birgu jew l-Imqabba. Għalhekk fl-1497 dar b'forn, bitħa u għalqa żgħira qrib il-Knisja ta' Sant'Andrija, f'Ħal

Luqa inbiegħet għal 26 uqija tad-deheb Maltin."[1] Mela għall-ewwel darba għandna data quddiemna tal-ewwel kappella li tissemma, iddedikata lil Sant'Andrija.

Dan juri li l-Kappella ta' Sant'Andrija, fl-1497 kienet diġà teżisti u x'aktarx kienet ilha wieqfa mill-anqas minn nofs is-seklu 15, jiġifieri fl-1450 jew ftit iżjed tard. Ngħid hekk għax, kien għall-ħabta ta' dan iż-żmien li kien qiegħed isir ħafna bini ta' kappelli bħalha. Il-post kien fl-istess post fejn illum hemm il-knisja parrokkjali. Din it-tip ta' kappella kellha l-arkitettura tagħha x'aktarx bħal ta' ħafna oħrajn f'Malta. Forsi kienet tixbaħ lill-kappella ta' Santa Marija tal-Ftajjar f'Ħal Luqa stess. Din kienet tkun



O.L.Of Assumption & Victories Church. Tal Ftajjar. Luqa Malta.

kamra rettangolari, mibnija fuq il-ħnejjiet, x'aktarx għall-ponta, b'saqaf bix-xorok tal-qasba u fuq wara kien hemm *apside* nofs tond.

L-art kienet tkun torba u fiha jista' jkun li kien isir id-dfin, ġeneralment ta' dak li jkun bnieha u xi suċċessuri tiegħu. Barra l-kappella kien hemm ċimiterju wkoll. Ġieli bnewlhom kappelli oħrajn imissu magħhom. Ħafna mill-kappelli li sab Dusina fl-1575 lanqas bieb tal-injam ma kellhom, għax l-injam kien lussu! Jekk xi ħadd mill-komunità kien sinjur biżżejjed kien joħroġ il-flus biex isiru pitturi affreski fihom. Bħala bankijiet kien ikollhom ġebel mal-ħitan bejn il-ħnejjiet. Mhux il-kappelli kollha kienu ndaqs u matul iż-żmien kienu jirranġawhom jew ikabbruhom skont il-ħtieġa. Hekk x'aktarx ġara lill-kappella jew knisja li jsemmi Dun Ġużepp Micallef.

Min seta' bena din il-kappella u għaliex iddedikaha lil Sant'Andrija? Tgħid kien Malti jew xi immigrant Sqalli jew Taljan jismu Andrea? Tgħid bnieha biex isir il-quddies fiha u forsi jkollu wkoll fejn jindifen? L-art fejn inbniet kienet privata, tal-Kunsill Popolari jew tal-Knisja? Meta nbniet xi żmien kien, ta' ġid jew ta'għaks? Dawn kollha huma mistoqsijiet li jinħtieġu riċerka kbira u tiftix arkeoloġiku kbir biex forsi ssib it-tweġibiet għalihom.

Hu x'inhu l-każ, f'Ħal Luqa l-qima lejn Sant'Andrija Appostlu hija waħda qadima ħafna. Wara kollox, kien minn din il-kappella umli li llum bir-raġun aħna nifirħu li l-Qaddis Patrun tagħna huwa l-Appostlu Sant'Andrija.

**Riferenzi**


a.T.F.C. Blagg, A. Bonanno, A.T. Luttrell. Excavation at Ħal Millieri, Malta.

b.Anthony Luttrell: *Hal Millieri a Maltese Casale, its churches and paintings*.

ċ.Dun Ġużepp Micallef: *Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha*.

1.G. Wettinger: Artiklu: *The Village of Ħal Milieri* 1419-1530 Deed of Sale 23.1.1497 Nutar J. Sabara, Nav, R492/2, f4.



Dan l-artiklu deher fuq Leħen il-Parroċċa Novembru 2004


Din is-sena ħu ħsieb
biex iżżejjen il-faċċata tad-dar tiegħek
bir-ritratt ta' Sant'Andrija.
B'hekk inti wkoll tkun qed tgħin
biex tkompli tikber dejjem aktar
il-festa għażiża tal-Patrun tagħna.